

Brussell, 28 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14789/18

Fajls Interistituzzjonali:

2017/0167(NLE)
2017/0168(NLE)
2017/0169(NLE)
2017/0170(NLE)
2017/0171(NLE)
2017/0173(NLE)
2017/0174(NLE)
2017/0175(NLE)
2017/0176(NLE)
2017/0178(NLE)
2017/0179(NLE)
2017/0180(NLE)

VISA 310
COLAC 102
COAFR 313

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|----------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet li jemendaw il-Ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni Ewropea u Antigua u Barbuda, Barbados, il-Commonwealth tal-Bahamas, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis, ir-Repubblika ta' Mauritius u r-Repubblika tas-Seychelles – Adozzjoni |

1. Fis-27 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat proposti għal deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u, rispettivament, Antigua u Barbuda Barbados, il-Commonwealth tal-Bahamas, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis, ir-Repubblika ta' Mauritius u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir, flimkien ma' abbozz ta' test tal-ftehimiet imsemmija fl-anness għal dawk il-proposti, u proposti għal deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-istess ftehimiet.

2. Bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħhom mill-Kunsill, it-testi tad-Deċiżjonijiet imsemmijin u t-test tal-Ftehim ġew editjati mill-ġuristi-lingwisti. It-test editjat tad-Deċiżjonijiet dwar l-iffirmar jinsab rispettivament fid-dokumenti 12381/17 + COR 1, 12384/17 + COR 1, 12387/17 + COR 1, 12390/17 + COR 1, 12394/17 + COR 1, 12397/17 + COR 1. It-test editjat tad-Deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni jinsab rispettivament fid-dokumenti 12383/17, 12386/17, 12389/17, 12393/17, 12396/17, 12399/17. It-test editjat tal-Ftehimiet jinsab rispettivament fid-dokumenti 12382/17, 12385/17, 12388/17, 12391/17, 12395/17, 12398/17.
3. B'mod simili għall-ftehimiet li jemendaw il-ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għal detenturi ta' passaporti ordinarji¹ u għal detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali², żdiedet dikjarazzjoni tal-Unjoni rigward id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2017/2226 li jstabbilixxi s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u l-Istati Membri li japplikaw l-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ, bil-ħsieb li jiġi ċċarat il-kalkolu tad-durata tas-soġġorn³.
4. Fis-6 ta' Novembru 2017, il-Kunsill awtorizza l-iffirmar tal-Ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u, rispettivament, Antigua u Barbuda, Barbados, il-Commonwealth tal-Bahamas, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis, ir-Repubblika ta' Mauritius u r-Repubblika tas-Seychelles. Il-Ftehimiet ġew iffirmati fil-25 ta' April 2018.
5. F'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill għandu jadotta d-Deċiżjoni li tikkonkludi l-Ftehim wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
6. Fit-30 ta' April 2018, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni kif ukoll it-test tal-Ftehimiet lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
7. Fit-23 ta' Ottubru 2018, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehimiet⁴.

¹ 13449/18 VISA 282 COLAC 88.

² 13446/18 VISA 279 COLAC 85.

³ 12383/17 ADD 1, 12386/17 ADD 1, 12389/17 ADD 1, 12393/17 ADD 1, 12396/17 ADD 1, 12399/17 ADD 1.

⁴ P8_TA-PROV(2018)0390, P8_TA-PROV(2018)0392, P8_TA-PROV(2018)0388, P8_TA-PROV(2018)0391, P8_TA-PROV(2018)0389, P8_TA-PROV(2018)0393.

8. Dawn id-deċiżjonijiet jikkostitwixxu żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000; għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħhom u mhuwiex marbut bihom jew soġġett għall-applikazzjoni tagħhom.

Dawn id-deċiżjonijiet jikkostitwixxu żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002; għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni tagħhom u mhijiex marbuta bihom jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħhom.

9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil milħuq dwar id-Deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u, rispettivament, Antigua u Barbuda, Barbados, il-Commonwealth tal-Bahamas, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis, ir-Repubblika ta' Mauritius u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir, u biex jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- jadotta, taħt il-parti "A" tal-aġenda ta' waħda mis-sessjonijiet li jmiss, id-Deċiżjonijiet kif jinsabu rispettivament fi 12383/17 + ADD 1, 12386/17 + ADD 1, 12389/17 + ADD 1, 12393/17 + ADD 1, 12396/17 + ADD 1, 12399/17 + ADD 1;
- jiddeċiedi li t-test tad-Deċiżjonijiet msemmija hawn fuq u l-Ftehimiet jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, serje "L", f'konformità mal-Artikolu 17(1)(d) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

Il-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.